



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13637/22

LIMITE

TRANS 646
COWEB 117
ELARG 84

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0296 (NLE)

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2023

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport
fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2023**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport¹ (TCT) ġie ffirmat mill-Unjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937². Fl-4 ta' Marzu 2019 ġie approvat f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392³. Daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019.
- (2) Skont l-Artikolu 35 tat-TCT, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport (“il-Kumitat tat-Tmexxija”) għandu jadotta l-baġit tal-Komunità tat-Trasport kull sena. L-Artikolu 35 tat-TCT jagħti wkoll is-setgħa lill-Kumitat tat-Tmexxija li jadotta deċiżjonijiet li jispeċifikaw il-proċedura għall-implimentazzjoni tal-baġit.
- (3) Il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni dwar il-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2023 waqt l-aħħar laqgħa tiegħu fl-2022.
- (4) Il-baġit propost tal-Komunità tat-Trasport għall-2023 huwa meħtieġ għall-funzjonament xieraq tal-korpi tal-Komunità tat-Trasport. Dan ikopri l-kostijiet tar-riżorsi umani, l-ivvjaġġar, it-tagħmir u s-software tal-IT, kif ukoll in-nefqa operazzjonali bħal l-istudji, il-bini tal-kapaċità, l-assistenza teknika u l-organizzazzjoni ta' konferenzi u laqgħat.

¹ ĠU L 278, 27.10.2017, p. 3

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 278, 27.10.2017, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1).

- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2023, peress li tali deċiżjoni, li hija meħtieġa għall-funzjonament tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, se tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport ("il-Kumitat tat-Tmexxija") fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2023 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija mehmuż ma' din id-Deċiżjoni¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 13637/22 ADD 1 fis-sit web <http://register.consilium.europa.eu>